# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   26**

**Avviz  numru      202/01/SM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera' assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited, u dawn kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Alfred Fenech sia bil-polza o sia bil-ligi u l-istess Alfred Fenech.**

**vs**

**Stephen Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma ta' LM691.89,0, jew kull somma ohra verjuri jekk ikun il-kaz, danni minnu kkagunati in segwitu ghall-incident stradali li**

**gara gewwa San Gwann fis-16 ta' Gunju, 2000, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni JPF 247 proprjeta' tal-attur Alfred Fenech u assikurata mas-socjeta' assikuratrici attrici b'polza tip comprehensive u l-vettura numru ta' registrazzjoni JAH 278 misjuqa minnu u ghall-liema incident kien unikament responsabbli hu minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolametni tat-traffiku prevja d-dikjarazzjoni li ghall-istess incident kien jahti unikament hu;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru, 2000 u bl-imghax legali mill-5 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma ntavolax nota ta' l-eccezzjonijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod odjern;**

1. **Illi l-kollizjoni in dizamina sehhet fis-16 ta' Gunju tas-sena 2000 f'San Gwann, bejn il-vettura JPF 247 proprjeta' ta' l-attur Fenech u dik JAH 278 misjuqa mill-konvenut Galea;**

2. **Illi d-danni sofferti mill-atturi huma dawk indikati fl-avviz fuq indikat cioe' sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltin u disa' u tmenin centezmu, (LM691.89,0);**

3. **Illi l-konvenut jirrizulta unikament responsabbli ghall-incident de quo peress li kien qed isuq bi traskuragni u nuqqas ta' hila;**

**Ghaldaqstant din il-qorti:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Stephen Galea unikament responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u disghin Lira Maltin u disa' u tmenin centezmu;**

3. **Tordna lill-konvenut Stephen Galea jhallas l-ammont ta' danni hekk likwidati lill-atturi, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**